MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 6/2005/1

**Lawrence Grech**

**v.**

**L-Avukat Generali, il-Kummissarju tal-Pulizija**
**u l-Onorevoli Prim Ministru**
**u Ministru tal-Finanzi**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Novembru 2005. Il-fatti li pprecedew u li taw lok ghal dana l-appell huma s-segwenti:

1. Permezz ta' att ta' citazzjoni, Lawrence Grech – l-appellant odjern – gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli, bhala editur tal-gazzetta *The Sunday Times*, fis-17 ta' Dicembru 2000 huwa kkommetta r-reat jew reati kontemplati fl-Artikolu 49(1)(a)(b) tal-Att dwar il-Loghob (Kap. 400), u cioe` talli (a) ghamel xi reklam li jkun jgharraf lill-pubbliku li xi fond f'Malta jkun fond li fih ikun isir jew se jsir loghob bhala kazino`, u dan minghajr il-permessi mehtiega, u (b) ghamel xi reklam li jistieden lill-pubbliku li jiehu sehem bhala gugatur f'xi loghob li jsir, jew li jkun ser isir, f'xi fond li fih ikun isir jew se jsir loghob bhala kazino`, jew li japplika ghal taghrif dwar il-facilitajiet biex jiehu sehem, bhala gugatur, f'xi loghob li jsir jew li jkun se jsir f'xi fond bhal dak, u dan minghajr il-permessi mehtiega (ara kopja tac-citazzjoni, fol 19). Huwa kellu jidher quddiem dik il-Qorti ghall-ewwel darba fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2003.

2. Fl-ewwel udjenza – dik tat-28 ta' Jannar 2003 – ma sar xejn ghax il-prosekuzzjoni talbet differiment (fol. 21). Fl-udjenza tal-25 ta' Marzu 2003, wara li nstemghu l-provi tal-prosekuzzjoni, li anke ddikjarat li ma kellhiex aktar provi, l-akkuzat Grech talab, permezz tad-difensur tieghu, differiment "sabiex jikkunsidra jekk ihossx li hemm ksur ta' xi drittijiet fondamentali" tieghu kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea. Effettivament (wara li fl-udjenza tas-17 ta' Gunju 2003 il-kawza giet differita, fuq talba ohra tad-difiza, ghas-16 ta' Settembru 2003) fl-udjenza tas-16 ta' Settembru 2003 (dejjem, s'intendi, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ara fol. 23), gie registrat is-segwenti verbal:

"Id-difiza titlob li l-Qorti taghmel riferenza kostituzzjonali minhabba li b'din [<u>recte</u>: dawn] l-imputazzjonijiet jistghu jigu lezi d-drittijiet fondamentali tieghu protetti mill-Ligi,

Artikolu 41 u Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u l-Artikolu 10 tal-Kostituzzjoni [recte: Konvenzjoni] dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u istante *(sic!)* bi proceduri odjerni, kif konfermat mill-prosekuzzjoni qed isiru a bazi ta’ l-Artikolu 49 tal-Kap. 400, u ghalhekk jehtieg sabiex l-imputat akkuzat ikun f’posizzjoni li jiddefendi ruhu li jigi stabbilit jekk id-dritt fondamentali ghall-informazzjoni gewx lezi mill-legislazzjoni indikata aktar ‘l fuq, u ghalhekk ikun biss wara dan il-pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali li l-akkuzat ikun jista’ jiehu l-linja tad-difiza opportuna.”

3. Bazikament, ghalhekk, l-imputat – ghalkemm, din il-Qorti jkollha tistqarr, b’verbal redatt b’mod xejn eleganti – kien qed jallega li l-Artikolu 49 tal-Kap 400, li tahtu kien qed jigi akkuzat, seta’ kien jilledi d-drittijiet tieghu protetti bl-Artikoli 41 (liberta` ta’ espressjoni) u 45 (protezzjoni minn diskriminazzjoni) tal-Kostituzzjoni, u bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea (ukoll dwar id-dritt ghal-liberta` ta’ espressjoni). Fl-udjenza tas-16 ta’ Settembru 2003 il-prosekuzzjoni talbet zmien biex “tiehu konjizzjoni tad-domandi ta’ l-imputat u sabiex tirrispondi ghalihom”. Il-kawza giet differita ghall-14 ta’ Ottubru 2003, izda f’din l-udjenza l-prosekuzzjoni semplicement regghet talbet differiment, li gie koncess, u l-kawza giet differita ghat-2 ta’ Dicembru 2003. Fit-2 ta’ Dicembru 2003 rega’ ma sar xejn ghax il-prosekuzzjoni regghet talbet differiment; il-kawza ghalhekk giet differita ghat-23 ta’ Marzu 2004. Intant, pero`, fit-2 ta’ Jannar 2004 il-Kummissarju tal-Pulizija ipprezenta “risposta” bil-miktub (fol. 26) ghat-talba sabiex il-kwistjoni mqanqla fis-16 ta’ Settembru 2003 tigi riferita lill-Prim Awla tal-Qorti Civili. Huwa bazikament ikkontenda li t-talba kienet “frivola u tessatorja [recte: vessatorja] u qed issir biex jinhela l-hin tal-Qorti”, u li fi kwalunkwe kaz il-limitazzjonijiet jew restrizzjonijiet imposti bl-Artikolu 49(1)(a)(b) tal-Kap. 400 kienu jaqghu fl-eccezzjonijiet kontemplati fis-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u fis-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. F’din ir-risposta ma sar ebda accenn ghall-kwistjoni tad-diskriminazzjoni.

4. Fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2004 il-prosekuzzjoni regghet talbet differiment ghax l-ufficjal prosekutur kienet ser tkun imsiefra fuq xoghol (ara r-rikors a fol. 25), u l-kawza giet differita ghall-1 ta' Gunju 2004. Il-verbal ta' l-1 ta' Gunju 2004 (fol. 30) jghid hekk: *"Meta ssejhet il-kawza deher l-Ufficjal Prosekutur. Il-Qorti kkonstatat illi l-Prosekuzzjoni ppresentat risposta. Il-kawza giet differita ghas-6 ta' Lulju 2004 ghal provvediment."*

5. Fil-provvediment taghha moghti fis-6 ta' Lulju 2004 (ara fol. 31), il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, wara li accennat ghall-verbal tas-16 ta' Settembru 2003 u ghar-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija, u wara li osservat li *"l-allegazzjoni tirrigwarda esklussivament in-natura ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-imputat u mhux xi agir jew procedura adottati mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri"*, irriproduciet id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 49 u kompliet hekk:

"Din hija restrizzjoni esklussiva ghal reklamar ibbazata fuq l-ordni pubbliku u b'ebda mod ma timplika xi restrizzjoni fuq l-espressjoni ta' xi fehma ndividwali dwar il-loghob ikkontemplat fl-att imsemmi u wisq inqas ma tista' timplika xi diskriminazzjoni kontra min ghandu jaghmel jew igieghel li jsir xi reklam. Ghalhekk issib illi t-talba tad-difiza hija semplicement frivola u tirrespingiha."

6. Sorprendentement u dan fid-dawl tal-provvediment li tat hija stess, minkejja li ghalhekk issa ma kienx ghad hemm xi ostakolu procedurali biex dik il-kawza <u>sommarja</u> tkompli tinstema' u tigi deciza mill-Qorti tal-Magistrati, peress li giet infurmata li l-imputat kien ipprezenta rikors quddiem il-Prim Awla, dik il-Qorti eventwalment iddifferiet il-kawza *"sine die riappuntabbli wara ezitu definittiv ta' l-imsemmija kawza kostituzzjonali"* (ara l-verbal tal-10 ta' Mejju 2005, fol. 41 ta' l-atti).

7. Effettivament fis-7 ta' Frar 2005 gie intavolat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civli ir-rikors promotorju ta' din il-kawza.

**<u>Ir-rikors promotorju fil-Prim Awla</u>**

**2.** Ir-rikors promotorju, bit-talbiet tieghu, gie korrettement riassunt hekk fis-sentenza appellata:
"Ir-rikors tas-7 ta' Frar 2005 li bih inbdew il-proceduri quddiem din il-qorti jghid illi r-rikorrent huwa l-editur tal-gazzetta *The Sunday Times*. Fit-28 ta' Jannar 2003 huwa kien mixli fil-kwalità tieghu ta' editur quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-17 ta' Dicembru 2000 (a) ghamel xi reklam li jkun igharraf lill-pubbliku illi xi fond f"Malta jkun fond li fih jkun isir jew ikun ser isir loghob bhala *casino*, u dan minghajr il-permessi mehtiega, u (b) ghamel xi reklam li jistieden lill-pubbliku li jiehu sehem bhala gugatur f'xi loghob li jsir, jew li jkun ser isir, f'xi fond bhala *casino*, jew li japplika ghal taghrif dwar il-facilitajiet biex jiehu sehem, bhala gugatur, f'xi loghob li jsir jew li jkun ser isir f'xi fond bhal dak, dan minghajr il-permessi mehtiega.

"Il-kawza kriminali kontra r-rikorrent ghadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Dawn l-akkuzi, li ghalihom irid iwiegeb ir-rikorrent, ingiebu taht l-art. 49(1)(*a*) u (*b*) ta' l-Att dwar il-Loghob [Kap.400]:

**49.** (1) Hadd ma ghandu jaghmel jew igieghel li jsir xi reklam –

*(a)* li jkun jgharraf lill-pubbliku li xi fond f'Malta jkun fond li fih ikun isir jew ikun se jsir il-loghob bhala kazinò; jew

*(b)* li jkun jistieden lill-pubbliku li jiehu sehem bhala gugatur f'xi loghob li jsir, jew li jkun se jsir, f'xi fond bhal dak, jew li japplika ghal taghrif dwar facilitajiet biex jiehu sehem, bhala gugatur, f'xi loghob li jsir, jew li jkun se jsir, f'xi fond bhal dak;

"L-art. 49(3) imbaghad ighid illi min jikser id-dispozizzjonijiet tas-sub-artikolu (1) ikun hati ta' reat taht l-Att.

“Ir-rikorrent ighid illi d-dispozizzjonijiet fl-art. 49(1)(*a*) u (*b*)tal-Kap. 400 jiksru l-jeddijiet fondamentali u kostituzzjonali tieghu mharsa taht l-art. 41 u 32(*b*) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”] u l-art. 10 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”] ghax ir-restrizzjoni tal-jedd ta’ libertà ta’ espressjoni f’dawk id-dispozizzjonijiet ma hijiex gustifikabbli u/jew ma hijiex ragjonevoli u/jew ma hijiex mehtiega f’socjetà demokratika, kif iridu l-art. 41(2) tal-Kostituzzjoni u l-art. 10(2) tal-Konvenzjoni.

“Barra minn hekk, il-*proviso* ghall-art. 49 tal-Kap. 400 ighid hekk:

Izda dik ir-restrizzjoni fuq ir-reklamar m’ghandhiex tkun tapplika ghal dawk ir-reklami li jigu pubblikati, murijin jew imxandra barra minn Malta ghad-distribuzzjoni jew cirkolazzjoni taghhom barra minn Malta jew ghal dawk ir-reklami bhalma huma deskritti fis-subartikolu (1) li jintwerew f’imkejjen li jkunu principalment frekwentati minn turisti u li jinkludu ajruporti, portijiet tal-bahar, lukandi u *holiday complexes* izda ma tinkludix *bars* u ristoranti.

“Dan il-*proviso* huwa diskriminatorju u jikser il-jeddijiet fondamentali u kostituzzjonali tar-rikorrent imharsa taht l-art. 45 tal-Kostituzzjoni u l-art. 14 tal-Konvenzjoni ghax johloq diskriminazzjoni kontra settur partikolari li jinkludi edituri ta’ gazzetti bhal ma huwa r-rikorrent.

“Ghal dawn ir-ragunijiet, ir-rikorrent talab illi din il-qorti:

1. tghid illi l-art. 49 tal-Kap. 400 jikser l-jeddijiet fondamentali u kostituzzjonali tieghu mharsa taht l-art. 41 u 32(*b*) tal-Kostituzzjoni u l-art. 10 tal-Konvenzjoni u taht l-art. 45 tal-Kostituzzjoni u l-art. 14 tal-Konvenzjoni;

2. tghid illi l-art. 49 tal-Kap. 400 ma jiswiex; u

3. taghti kull rimedju iehor li jkun mehtieg u xieraq biex jitharsu l-jeddijiet fondamentali tar-rikorrent, billi, fost ohrajn, jaqghu l-akkuzi migjuba kontra r-rikorrent.”

**3.** L-intimati Avukat Generali, Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, fir-risposta taghhom tad-9 ta’ Settembru 2005 (fol. 50)[1] eccepew fl-ewwel lok *“Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma frivoli kif diga` gie dikjarat mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrent nhar is-6 ta’ Lulju 2004 preseduti mill-Magistrat Dennis Montebello.”* Is-sentenza appellata kienet limitata ghal din l-eccezzjoni preliminari. Il-Prim Awla ddisponiet minn din l-eccezzjoni hekk:
“Ir-rikorrent kien mixli talli fil-gazzetta li taghha huwa editur gab reklam bi ksur ta’ l-art. 49(1)(*a*) u (*b*) tal-Kap. 400. Waqt is-smigh tal-proceduri kriminali migjuba kontra tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, ir-rikorrent talab illi “l-qorti taghmel riferenza kostituzzjonali minhabba li b’din l-imputazzjoni jistghu jigu lezi drittijiet fondamentali tieghu protetti mil-ligi bl-artikolu 41 u 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem”.

“Il-Qorti tal-Magistrati, fi provvediment moghti fis-6 ta’ Lulju 2004, qalet illi r-restrizzjoni fuq ir-reklamar li hemm fl-art.49(1)(*a*) u (*b*) tal-Kap. 400:

… … … hija restrizzjoni esklussiva ghal reklamar ibbazata fuq l-ordni pubbliku u b’ebda mod ma timplika xi restrizzjoni fuq l-espressjoni ta' xi fehma individwali dwar il-loghob ikkontemplat fl-Att imsemmi u wisq inqas ma tista’ timplika xi diskriminazzjoni kontra min ghandu jaghmel jew igieghel li jsir xi reklam. Ghalhekk issib illi t-talba tad-difiza hija sempliciment frivola u tirrespingiha.

---

[1] Din ir-risposta damet ma giet presentata ghax il-Prim Awla ordnat li r-rikors promotorju jigi notifikat lill-intimati b’digriet taghha tas-26 ta’ Awissu 2005. Precedentement ghal din id-data, dik il-Qorti kienet, b’diversi digrieti kamerali ordnat lir-rikorrent sabiex jistruwixxi l-process b’noti spjegattivi u b’dokumenti, digrieti li r-rikorrent, appellant odjern, mhux dejjem ottempera ruhu maghhom bil-heffa li kienet minnu mistennija (ara d-digriet tal-14 ta’ Gunju 2005, fol. 10).

"L-art. 46 tal-Kostituzzjoni, dwar meta quddiem qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali titqajjem kwistjoni dwar il-ksur ta' jedd fondamentali mhares taht il-Kostituzzjoni, ighid hekk:

**46.** (3) Jekk f'xi proceduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin), dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skond dan is-subartikolu u, bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni.

(4) … … …

(5) Ma jkunx hemm appell minn xi decizjoni skond dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun semplicement frivola jew vessatorja.

"Hemm dispozizzjoni analoga fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319].

"B'din id-dispozizzjoni l-ligi turi illi trid illi decizjoni illi t-tqanqil ta' kwistjoni dwar ksur ta' jeddijiet fondamentali huwa frivolu jew vessatorju tkun decizjoni finali li ma tistax terga' tinfetah. Ladarba l-qorti li quddiemha titqanqal il-kwistjoni, bhall-Qorti tal-Magistrati fil-kaz tallum, inghatat kompetenza biex tiddeciedi finalment dwar jekk it-tqanqil tal-kwistjoni huwiex frivolu jew vessatorju, dik id-decizjoni torbot lill-partijiet u l-kwistjoni ma tistax terga' titqanqal quddiem din il-qorti.

"Il-qorti ghalhekk tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati u, billi l-kwistjoni migjuba quddiemha bir-rikors tas-7 ta' Frar 2005 hija wahda frivola, ma tqisx aktar it-talbiet maghmula fir-rikors.

"L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandu jhallashom ir-rikorrent."

**L-appell odjern**

**4.** Minn din is-sentenza appella r-rikorrent, permezz ta' rikors intavolat fil-21 ta' Novembru 2005 (fol. 65). Huwa jikkontendi bazikament li, galadarba li huwa ghazel, wara l-provvediment tal-Qorti tal-Magistrati tas-6 ta' Lulju 2004, li jadixxi lill-Prim Awla tal-Qorti Civili bil-procedura tar-rikors, id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati ma kienitx vinkolanti fuq il-Prim Awla, b'mod li din ma setghetx tiddeciedi li kwistjoni migjuba bir-rikors "hija wahda frivola" ghas-semplici raguni li l-Qorti tal-Magistrati, rinfaccjata b'talba ghal riferenza, qalet li tali talba "hija semplicement frivola". L-appellant jenfasizza wkoll *"…illi r-rikors ippresentat quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili mhuwiex identiku ghat-talba ghal riferenza kostituzzjonali da parti ta' l-esponenti maghmula quddiem il-Qorti tal-Magistrati ppresjeduta mill-Magistrat Dennis Montebello, stante li fit-talba ghal riferenza kostituzzjonali, kuntrarju ghal dak kontenut fir-rikors…ma giex ikkwotat l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem."* L-appellant jibbaza l-argumenti tieghu principalment fuq dak li gie ritenut minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza taghha tal-21 ta' Lulju 1989 fl-ismijiet **Anthony Coreschi v. Kummissarju tal-Pulizija et**, u cioe` li l-procedura permezz ta' riferenza ma teskludix neccessarjament il-procedura permezz ta' rikors quddiem il-Prim Awla. L-appellant jikkwota estensivament minn din is-sentenza. Ghalhekk l-appellant talab li din il-Qorti tilqa' l-appell tieghu, tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet imressqa minnu fir-rikors promotorju, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

**5.** L-intimati appellati, min-naha taghhom, wiegbu li preliminarjament ir-rikors ta' appell kien irritu u null peress li l-meritu gia` gie dikjarat frivolu kemm mill-Qorti tal-Magistrati kif ukoll mill-Prim Awla (fis-sentenza appellata). Skond huma ma hemm ebda dritt ta' appell fi kwalunkwe kaz mis-sentenza appellata stante li din iddikjarat li l-

kwistjoni migjuba quddiemha bir-rikors promotorju kienet frivola u ghalhekk hemm id-divjet tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni[2] u tad-disposizzjoni korrispondenti tal-Kap. 319[3]. L-intimati jghidu wkoll li l-fatt li fir-rikors promotorju zdied l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, ma jfissirx li ma hemmx identita` bejn it-talba ghar-riferenza u t-talba fir-rikors promotorju.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**6.** Din il-Qorti kellha l-beneficcju mhux biss ta' trattazzjoni erudita da parti tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta' Jannar 2006 – l-Avukat Dott. Mario Demarco ghall-appellant u l-Avukata Dott. Susan Sciberras ghall-intimati appellati – izda z-zewg partijiet ipprezentaw noti ta' referenzi li kienu ta' ghajnuna kbira ghal din il-Qorti. Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

1. F'din il-kawza, anzi aktar precizament f'dana <u>l-appell</u>, hemm <u>zewg</u> kwistjonijiet proceduali li jridu jigu decizi qabel ma din il-Qorti tghaddi, jekk ikun il-kaz, biex tezamina l-meritu. Hi l-fehma ta' din il-Qorti li l-partijiet f'din il-kawza ma gharfux jiddistingwu sew bejn dawn iz-zewg kwistjonijiet. Kwistjoni minnhom hija jekk il-pronunzjament tal-Qorti tal-Magistrati tas-6 ta' Lulju 2004 aktar 'l fuq imsemmi kienx vinkolanti fuq il-Prim Awla, fis-sens li galadarba l-Qorti tal-Magistrati qalet li l-kwistjoni kienet "semplicement frivola" allura l-Prim Awla kellha neccessarjament tqis ir-rikors bhala improponibbli. Il-kwistjoni l-ohra hija jekk mis-sentenza tal-Prim Awla hemmx appell in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(5) tal-Kap. 319.

2. Jibda biex jinghad li din il-Qorti ma tarax kif is-sentenza tal-21 ta' Lulju 1989 fl-ismijiet **Anthony Coreschi v. Kummissarju tal-Pulizija et** tista' tkun ta' ghajnuna ghat-tezi ta' l-appellant. Apparti li din is-sentenza fiha xi inkonsistenzi u imprecizazzjonijiet fil-

[2] Hawn aktar 'l fuq riprodott fis-sentenza tal-Prim Awla.
[3] Art. 4(5).

lokuzzjoni adoperata[4], dik il-kawza ma kienitx wahda fejn il-Qorti tal-Magistrati (jew addirittura xi qorti ohra li mhix il-Prim Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali) iddecidiet li t-tqanqil ta' xi kwistjoni quddiemha kien semplicement frivolu jew semplicement vessatorju. Anzi f'dik il-kawza gara proprju l-oppost, u cioe` li fil-proceduri penali ma tqanqlet ebda kwistjoni simili.

3. It-twissija ta' Thomas Fuller, ripetuta minn Alfred Lord Denning fil-konfront ta' l-Avukat Generali ta' l-Ingilterra fis-sentenza **Gouriet v. Union of Post Office Workers and Others**[5], u cioe` "Be you never so high, the law is above you" tapplika mhux biss ghall-Avukat Generali u ghall-membri tal-fergha Ezekuttiva tal-Gvern, izda anke ghal-Legislatura – li ukoll trid timxi fil-parametri tal-ligi u tirrispetta in partikolari d-drittijiet u libertajiet fondamentali tal-bniedem – kif ukoll ghall-Qrati, inkluza din il-Qorti. Minkejja l-poteri wiesgha li ghandha din il-Qorti (kif ukoll il-Prim Awla tal-Qorti Civili) taht is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u taht is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 4 tal-Kap. 319, din il-Qorti hi wkoll obbligata li tosserva l-ligi, inkluza dik tal-procedura. Mill-banda l-ohra, meta xi disposizzjoni tal-ligi tkun tali li tirrestringi jew tillimita (jew tista' tirrestringi jew tillimita) l-access ghall-qrati, specjalment fil-kamp tad-drittijiet fondamentali, tali disposizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva, minghajr, pero`, ma jigi vanifikat l-iskop legittimu li ghalih tkun saret jew tkun mahsuba dik ir-restrizzjoni jew limitazzjoni.

4. Kwantu ghat-tieni wahda miz-zewg kwistjonijiet aktar 'l fuq accennati – u cioe` jekk fil-kaz in dizamina japplikax id-divjet ta' l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 4(5) tal-Kap. 319, din il-Qorti, kif illum komposta, diga` kellha l-opportunita` li tesprimi ruhha fit-termini segwenti fis-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2004 fl-ismijiet **Anthony Pace v. Avukat Generali et** (fejn addirittura anqas kien hemm xi eccezzjoni bbazata fuq l-imsemmija

[4] Ara f'dan is-sens il-kritika ta' din is-sentenza fl-istudju tal-Prim Imhallef Emeritus Giuseppe Mifsud Bonnici **Constitutional Procedure relative to Fundamental Rights and Freeoms** Midsea Books Ltd (Malta), 2004, pp. 87-92.

[5] [1977] 2 WLR 310.

disposizzjonijiet fir-rigward tas-sentenza appellata, cioe` tas-sentenza tal-Prim Awla):

"…biex ikun hemm l-ostakolu imsemmi l-ewwel Qorti trid tkun ippronunzjat ruhha fis-sens li talba kienet 'semplicement frivola' jew 'semplicement vessatorja' (ara, **Joseph u Alexander Ciantar v. L-Onorevoli Prim Ministru** Qorti Kost., 10 ta' Mejju, 1995; **Mario Azzopardi v. Registratur tal-Qorti et.** Qorti Kost., 17 ta' Jannar, 1996). Il-legislatur ried li l-proceduri ma jimxux oltre mhux meta t-talba (jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni skond il-kaz) tkun infondata, ghax batuta, malkoncepita jew ingarbuljata, izda meta tkun mill-ewwel tidher li hija vana, nieqsa mis-serjeta`, manifestament nieqsa mis-sens u ma jisthoqqilhiex attenzjoni (*ergo* frivola), jew maghmula biss biex iddejjaq jew tirrita lill-kontroparti (*ergo* vessatorja), u dan kollu b'mod tant car illi mhux ragjonevolment possibbli li wiehed jikkontesta li t-talba jew it-tqanqil ta' dik il-kwistjoni hija effettivament frivola jew vessatorja (jew possibilment anke t-tnejn)."

5. Aktar recentement, fis-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet **Carmen Micallef v. Prim Ministru et**, din il-Qorti, esprimiet ruhha hekk:

"…l-intenzjoni tal-legislatur, meta fassal is-subartikoli (5) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319, kienet proprju li meta l-Prim Awla tiddikjara li xi talba jew xi kwistjoni li tkun tqanqlet kienet 'semplicement frivola jew vessatorja', id-dritt ta' appell minn dik id-decizjoni ma jibqax jezisti. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa diversi sentenzi li jitrattaw dawn is-subartikoli – 46(5) u 4(5) – fosthom **Angelo Spagnol v. L-Onorevoli Prim Ministru noe et** Q.K. 11 ta' Jannar 1989, **Il-Pulizija v. Michael Pace et** Q.K. 30 ta' Mejju 1990, **Martin u Carmen Fenech v. Onorevoli Prim Ministru** Q.K. 13 ta' Awissu 1991, **Nutar Dr. Joseph Abela v. Onorevoli Prim Ministru et** Q.K. 18 ta' Mejju 1994, **Joseph u Alexander Ciantar v. L-Onorevoli Prim Ministru** Q.K. 10 ta' Mejju 1995, **Mario Azzopardi v. Registratur tal-Qorti et** Q.K. 17 ta' Jannar 1996, **Anthony Pace v.**

**Avukat Generali et** Q.K. 20 ta' Ottubru 2004 u **Salvatore Grech v. Avukat Generali** Q.K. 31 ta' Jannar 2005 – u minnhom jemergi car il-principju li bhala regola, u sakemm ma jkunx hemm x'jindika b'mod impellenti li ghandu jsir il-kuntrarju, id-decizjoni tal-Prim Awla li talba migjuba quddiemha jew kwistjoni li tkun tqanqlet hija frivola jew vessatorja hija ta' ostakolu ghal xi forma ta' appell minn dik is-sentenza ghal quddiem din il-Qorti. In partikolari fil-kaz ta' **Salvatore Grech** (*supra*) din il-Qorti esprimiet ruhha hekk:

*'Din id-disposizzjoni hija wahda ta' ordni pubbliku, u hija cara fil-portata taghha, u cioe` tipprekludi li jsir appell minn decizjoni li tkun imbollat it-talba bhala semplicement frivola jew vessatorja (ara,* passim*,* ***Mario Azzopardi v. Registratur tal-Qorti et*** *Qorti Kostituzzjonali 17 ta' Jannar, 1996; ara, bil-kontra, meta l-lokuzzjoni adoperata tkun differenti jew mhux parti mid-dispozittiv, jew tkun tirreferi biss ghal aspett wiehed tat-talba jew talbiet,* ***Anthony Pace v. Avukat Generali et*** *Qorti Kostituzzjonali 20 ta' Ottubru 2004)'*."

6. Issa, fil-kaz in dizamina huwa evidenti li dak li ghamlet il-Prim Awla kien semplicement li strahet ghal kollox fuq dak li kienet qalet il-Qorti tal-Magistrati minghajr biss ma ippruvat tara fl-ewwel lok jekk dik il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali kienitx effettivament ezaminat il-meritu b'mod li kien proprjament jispetta lil qorti ohra (cioe` lill-istess Prim Awla u lill-Qorti Kostituzzjonali) u minghajr anqas ma ezaminat jekk kienx hemm identita` -- imqar jekk biss fis-sustanza jekk mhux fid-dettal -- bejn il-kwistjoni mqanqla quddiem dik il-qorti l-ohra u t-talba li ngabet quddiemha permezz tar-rikors promotorju. Din il-Qorti hi ben konxja li wiehed irid joqghod dejjem attent li ma jippermettix li jigu raggirati d-disposizzjoni tal-ligi b'tibdiliet kosmetici li fis-sustanza ma jbiddlu xejn; izda hu ben not li hemm differenza sostanzjali bejn id-definizzjoni ta' diskriminazzjoni fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-kuncett ta' "diskriminazzjoni ghal kull raguni" kif koncepita fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni – addirittura jista' jkun hemm lezjoni ta' dana l-Artikolu 14 minghajr ma jkun hemm dikjarazzjoni li gie lez xi wiehed

mid-drittijiet u libertajiet l-ohra li ghalih l-istess Artikolu 14 jirreferi[6].

7. Pero` fil-fehma tal-Qorti, l-aktar punt determinanti ghar-risoluzzjoni ta’ din il- kwistjoni huwa l-fatt li l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata irriteniet biss li l-kwistjoni migjuba quddiemha kienet “wahda frivola” u mhux “semplicement frivola”. Il-kwalifika ta’ “semplicement” ma ddahlitx ghal xejn mil-legislatur – ara paragrafu 4, *supra*, ta’ din it-taqsima. Dan iwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha kif hawn aktar ‘l fuq spjegat, l-ewwel Qorti, biex tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha fis-sentenza appellata, ma ghamlitx dik l-analizi tat-talba jew talbiet tar-rikorrent appellant kif rikjest sabiex tkun tista’ tigi imbollata fit-termini tas-suabrtikolu (5) ta’ l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tad-disposizzjoni korrispondenti tal-Kap. 319. Konsegwentement ma jistax jinghad li l-appell huwa irritu u null.

8. Kwantu ghall-ewwel kwistjoni – u cioe` jekk il-pronunzjament tal-Qorti tal-Magistrati tas-6 ta’ Lulju 2004 kienx vinkolanti fuq il-Prim Awla fis-sens kif aktar ‘l fuq imfisser – din issib ir-risoluzzjoni taghha f’dak li nghad minn din il-Qorti (diversament komposta) fis-sentenza tas-6 ta’ Mejju 1992 fl-ismijiet **Alfred Attard v. Avukat Generali** – sentenza li ghaliha ghamlu referenza l-intimati appellati (ara n-nota taghhom tat-8 ta’ Frar 2006) u fuq l-iskorta ta’ sentenza ohra ta’ din il-Qorti tat-22 ta’ Mejju 1991 fl-ismijiet **Nicholas Ellul v. Kummissarju tal-Pulizija**. F’dawn iz-zewg sentenzi gew riaffermati zewg principji importanti u li huma relevanti ghall-kwistjoni in ezami: (i) jekk u meta l-ewwel qorti tichad ir-referenza ghaliex il-kwistjoni mqanqla tirrizulta semplicement frivola u/jew vessatorja, allura l-parti ma tistax tirrikorri ghall-procedura tar-rikors sabiex, fuq l-istess meritu tal-kwistjoni, effettivament tkun qed tappella minn dik id-

[6] “Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to ‘the enjoyment of the rights and freedoms’ safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions -- and to this extent it is autonomous -- , there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter.” **Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. United Kingdom** 28 May 1985, para. 71.

decizjoni li l-kwistjoni hija frivola u/jew vessatorja, u (ii) l-ewwel qorti (cioe` dik li ma tkunx il-Prim Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali) hija obbligata li tirrispetta l-gurisdizzjoni esklussiva tal-Prim Awla tal-Qorti Civili f'kull kwistjoni li tirrigwarda l-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni (u l-Artikolu sostantivi tal-Konvenzjoni) b'mod illi, tali kwistjoni sollevata quddiemha ghandha tigi rizoluta mhux minn dik l-ewwel qorti imma mill-organi li ghandhom dik il-gurisdizzjoni, hlief, s'intendi, meta dik l-ewwel qorti tqis li l-kwistjoni sollevata hija semplicement frivola jew vessatorja. Din it-tieni (ii) proposizzjoni tikkwalifika l-ewwel wahda (i), in kwantu jekk ikun jirrizulta li dik l-ewwel qorti tkun fir-realta` flok illimitat ruhha ghal pronunzjament li l-kwistjoni hi semplicement frivola jew semplicement vessatorja (jew it-tnejn), ezercitat gurisdizzjoni li tispetta lill-Prim Awla u lill-Qorti Kostituzzjonali, allura certament ma jkunx hemm id-divjet li fuq l-istess meritu tal-kwistjoni l-parti tipprocedi b'rikors.

9. Issa, apparti dak li diga` inghad dwar l-identita` sostanzjali (jew, ahjar, in-nuqqas taghha) ghal dak li jirrigwarda l-kwistjoni imqanqla quddiem il-Qorti tal-Magistrati u t-talbiet fir-rikors, din il-Qorti hi tal-fehma li meta l-Qorti tal-Magistrati, fil-provvediment taghha tas-6 ta' Lulju 2004, effettivament qalet li r-restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet imposti bl-Artikolu 49(1)(a)(b) kienu jaqghu, in kwantu bbazati "fuq l-ordni pubbliku", fl-eccezzjoni kontemplata fis-subartikoli (2) kemm ta' l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni kif ukoll ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni, kienet neccessarjament qed tghid ukoll, ankorke` implicitament, li dawk ir-restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet kienu ragjonevolment hekk mehtiega fl-interess ta' l-ordni pubbliku u kienu wkoll ragjonevolment gustifikabbli f'socjeta` demokratika. Hu evidenti li l-Qorti tal-Magistrati ma setghetx tasal sa hawn. Fi kliem iehor, ghalkemm apparentement dik il-Qorti kienet qed tillimita ruhha ghal pronunzjament li t-talba tad-difiza – proprjament it-tqanqil minnha tal-kwistjoni – kienet "semplicement frivola", hija fir-realta` kienet qed tarroga lilha nnifisha gurisdizzjoni li ma kellhiex. S'intendi, dan ma jfissirx li qorti, li ma tkunx il-Prim Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, jekk tkun tal-fehma li t-tqanqil tal-kwistjoni tkun semplicement frivola

jew semplicement vessatorja m’ghandhiex taghti r-raguni jew ragunijiet, anke jekk fil-qosor, ghal dan; ifisser biss li meta tigi biex taghti dawn ir-ragunijiet m’ghandhiex tinvadi l-gurisdizzjoni tal-Prim Awla.

10. Il-konsegwenza fil-kaz in dizamina hi li, f’dawn ic-cirkostanzi partikolari, ma kien hemm xejn x’josta li dik l-istess kwistjoni titressaq b’rikors, kif effettivament sar.

11. Ghalhekk, fil-fehma kunsidrata ta’ din il-Qorti, ir-rikors ta’ appell la hu irritu u null, kif qed jippretendu l-appellati, u lanqas ma hemm xejn x’josta – dejjem fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz – li l-appell jingieb ‘l quddiem. Bhala konsegwenza ta’ dak kollu li ntqal hawn fuq, hu evidenti li s-sentenza appellata ghandha tigi mhassra; pero` din il-Qorti ma hix tal-fehma li ghandha tezamina hi direttament il-lamenteli kif proposti fir-rikors promotorju, u dana sabiex il-partijiet ma jigux privati mill-beneficcju tad-doppju ezami.

**<u>Decide</u>**

**7.** Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell interpost biss fis-sens li thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi tal-10 ta’ Novembru 2005, tqieghed lill-partijiet fil-posizzjoni li kienu fiha immedjatament qabel ma inghatat is-sentenza appellata, u tibghat l-atti lura lil dik l-istess Qorti sabiex din tiddeciedi l-kawza skond il-ligi. Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha inkorsi sa issa, kemm quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll ta’ dana l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, anke fid-dawl tal-fatt li r-rikorrent ma ottemperax ruhu kif kellu jaghmel ma’ l-ordnijiet moghtija kameralment mill-Prim Awla.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------